MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 131/2002/1

**Joseph Cini, ghan-nom ta' Hamlet Holdings Company Limited**

**vs**

**Emanuel u Rosaria konjugi Agius**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Dicembru, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex intom konvenuti m'ghandkomx tkunu kkunndannati thallsu s-somma ta' erba' mija u hdax-il lira Maltin (Lm411) liema ammont huwa dovut minnkom versu l-hlas ta' xogholijiet f'partijiet komuni li saru a beneficcju

ta’ l-appartament u garaxx illi intom akkwistajtu minghand l-istess socjeta’ fi Triq il-Qolla, Marsalforn, Ghawdex bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija mid-data tal-erbatax (14) t’Ottubru sad-data ta’ l-effettiv pagament.

In oltre ghidu ghaliex intom konvenuti m’ghandkomx tkunu kkundannati sabiex tirritorna lis-sur Joseph Cini films originali taz-zwiemel fl-istat li kienu fih meta nghataw lilkom liema films kienu inghataw lilkom mill-istess Joseph Cini sabiex tkunu tistghu tarawhom u liema films qatt ma kienu ritornati lura.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorja tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Lulju, elfejn u tnejn (2002) u tas-sittax (16) t’Awwissu elfejn u tnejn kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita lilkom fl-erbatax (14) t’Ottubru, elfejn u tnejn (2002).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga intom ingunti.”

Ra r-risposta ghall-avviz tat-talba:

“Nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Jeccepixxu bil-qima:-

1. Illi preliminarjament dan it-Tribunal m’huwiex kompetenti sabiex jisma’ u jiddeciedi dwar it-talba relattiva ghar-restituzzjoni ta’ films taz-zwiemel peress li hija biss kompetenti biex titratta talbiet ghall-hlas ta’ flus;

2. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici qed jigu kkontestati bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-eccipjenti ma ghandu ebda films tax-xorta allegat mill-attur;

3. Illi rigward it-talba ghall-kundanna tal-hlas ghal xoghlijiet li saru fil-partijiet komuni, l-esponenti jeccepixxu illi huma ma humiex tenuti jaghmlu ebda hlasijiet in kwantu ix-xoghol ma sarx skond il-permessi applikabbli bil-ligi u effettivament jirrizulta li dwar l-istess blokk hemm anki ordni ta’ infurzar mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess (i) ix-xoghlijiet li saru mill-attrici ma sarux skond is-sengha u l-arti u ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx jigu tenuti jhallsu ghal dawn ix-xoghlijiet, (ii) l-ammont li qieghed jigi mitlub huwa wiehed esagerat bil-bosta u m'ghandux jithallas;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Ra l-kontrotalba:

"Peress illi l-konvenuti huma proprjetarji ta' appartament u garaxx minn blokk fi Triq il-Qolla, Marsalforn, Ghawdex, li huma kienu akkwistaw minghand is-socjeta' attrici;

Peress li s-socjeta' attrici naqset fl-obbligi taghha li tlesti l-partijiet komuni u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-konvenuti.

Peress illi sabiex ikunu jistghu jutilizzaw il-proprjeta' taghhom u partikolarment ukoll sabiex jeliminaw kull perikolu ghalihom u ghal uliedhom, il-konvenuti ghamlu diversi xoghlijiet fil-partijiet komuni ta' dan il-blokk liema xogholijiet jikkonsistu fil-provvista u twahhil ta' aperturi bl-aluminium, poggaman tat-tarag, xiri u twahhil tal-madum tal-kaxxa tat-tarag, kif ukoll xoghol fis-sistema tad-drenagg a beneficcju tal-blokk intier;

Peress illi ghadu dovut lilhom mis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn lira Maltija u hamsin centezmu (Lm200.50) bhala sehemha mill-hlasijiet ghal dawn ix-xogholijiet;

Peress illi ghalkemm interpellata diversi drabi s-socjeta' attrici rrifjutat li thallas din is-somma;

Peress illi l-konvenuti qed jitolbu li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas din is-somma flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittri interpellatorji datati 29 ta' Marzu 2000 u 6 ta' Awissu 2002.

Ra r-risposta ghall-kontrotalba:

“Nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Jeccepixxu bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-konjugi Agius huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi mhuwiex minnu illi saru x-xogholijiet kif indikati minnhom;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess:

(i) anke jekk saru kwalunkwe xogholijiet dawn saru b’abbuz u minghajr il-permessi necessarji kemm mill-Awtoritajiet kif ukoll mis-socjeta’ venditrici.
(ii) l-ammont li qieghed jigi mitlub huwa fi kwalunkwe kaz wiehed esagerat bil-bosta u sproporzjonat u m’ghandux jithallas.”

Sema’ l-provi u acceda fuq il-post fejn saru x-xogholijiet;

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Illi t-tieni talba – dik ghar-restituzzjoni tal-films giet irtirata u ghalhekk l-eccezzjonijiet numru wiehed u tnejn li jirrigwardaw l-istess u l-konsegwenzjali nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal giet ezawrita.

Illi kwantu ghat-tielet talba, din qieghda tigi michuda billi ma jirrizultax li x-xoghol sar f’xi parti tal-bini mhux koperta bil-permess tal-bini. Kif spjega l-ufficcjal tal-MEPA, stop notice taffettwa biss dik il-parti tal-korp ta’ bini mhux mibni skond il-permess, u mhux il-korp tal-bini kollu. Ix-xoghol mertu ta’ din il-kawza sar fil-parti komuni ta’ blokk flats li kien kopert bil-permessi mehtiega.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jistghu jigu hekk rikapitulati:

1. Il-konvenuti xtraw minghand is-socjeta' attrici appartament fi stat ta' gebel u saqaf fit-tieni sular, sovrappost ghall-elevated groundfloor level ta' blokk flats bl-isem *Hamlet Court* Triq il-Qolla, Marsalforn. Dan il-flat jokkupa s-sular kollu in kwistjoni. Xtara wkoll garaxx, fi stat ta' gebel u saqaf ukoll, fil-livell l-iktar baxx, fi kliem iehor basement level, accessibbli flimkien ma' garaxxijiet ohrajn minn Triq il-Qolla. Il-garaxx jinstab taht blokk iehor ta' flats li jigi dahar ma' dahar mal-blokk li jifforma parti minnu l-appartament imsemmi. Iz-zewg blokki ta' flats kienu originarjament kollha kemm huma proprjeta' tas-socjeta attrici li kienet responsabbli ghall-bini taghhom.

2. Il-flat u garaxx gew trasferiti skond certi kundizzjonijiet: il-flat gie trasferit bid-dritt tal-uzu tal-partijiet komuni, bl-obbligu tal-kumpraturi li jhallsu pro rata mill-ispejjez kollha nvoluti ghall-finishing taghhom (fol 59). Il-garaxx kien soggett ghad-dritt tal-venditur li jaghmel bdil strutturali fih (klawzola 16 a fol 60).

3. Is-socjeta' attrici, fil-partijiet komuni esegwiet u hallset is-segwenti xoghlijiet:

Xoghol: Tikhil fil-kaxxa tat-tarag;

Persuna nkarikata: Sammy Spiteri.

Ammont: Lm300 (Fol 29).

Fix-xaft, Spiteri kahhal sal-appartament tieghu biss.

Hall porter (mhux imwahhal) u komunikazzjoni tad-dawl (mhux kompluta; pajpijiet biss). Konkrit u drenagg fil-basement.

Persuna nkarikata: Raymond Fenech

Ammont: Lm341.55

4. Il-bqija tax-xoghol tal-partijiet komuni sar minn Sammy Spiteri u mill-konvenut, li apporzjonaw l-ispejjez bejniethom, peress li s-socjeta' attrici ghalkemm

interpellata baqghet ma lestietx il-partijiet komuni. Spiteri u Agius ghamlu a spejjez taghhom l-aperturi, il-poggaman, il-kisi, l-irham tat-tarag, il-madum, u d-drenagg, kif ukoll l-opramorta, u lestew il-komunikazzjoni tal-elettriku (fol 93). L-ispejjez qasmuhom fil-proporzjon ta' 2.5 Sammy Spiteri u 1.5 Agius.

Il-konvenut Emanuel Agius qal fid-deposizzjoni tieghu li lest ihallas sehem il-konvenuti mill-ispejjez relatati mad-driveway li taghti ghall-garaxx izda jippretendi li biex isir tali hlas, is-socjeta' attrici trid tnehhi l-pilastri tal-konkos li saru mal-bieb tal-garaxx tieghu, b'mod li l-entratura ta' dan il-garaxx djieqet b'mod li jaghmilha iktar difficli biex tidhol vettura fih. Il-konvenut isostni li l-pilastri saru biex jaghmlu tajjeb ghas-sulari zejda li s-socjeta' attrici bniet minghajr permess fuq il-garaxxijiet. Apparti li l-konvenuti ma sostnewx din il-pretenzjoni taghhom b'xi eccezzjoni fir-risposta ghall-avviz tat-talba, jew b' xi kontro-talba, ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal li jidhol fi kwistjonijiet tar-reali godiment ta' immobbli, u, jekk il-konvenuti qeghdin jivvantaw xi pretenzjoni f'dan ir-rigward, huma m'ghandhom l-ebda triq ohra hlief li jirrikorru fis-sede tal-Qorti kompetenti.

Mill-erba' appartamenti, wiehed, dak tal-elevated groundfloor level, jappartjeni lis-socjeta' attrici; tnejn jappartjenu lil Sammy Spiteri u wiehed lill-konvenut. Is-socjeta' attrici ssostni (fol 101) li hija m'ghandha tikkontribwixxi xejn ghall-common parts peress li l-appartament taghha m'ghandux access ghall-partijet komuni ghax huwa accessibbli direttament mit-triq. Joseph Cini cahad li kien hemm bieb li jaghti mill-appartament imsemmi ghall-kaxxa tat-tarag (fol 117). Meta sussegwentement it-Tribunal acceda fuq il-post, sab li kien hemm apertura ta' bieb bejn l-istess appartament u l-partijiet komuni imbarrata bil-gebel, bit-tikhil ghadu frisk; evidentement il-bieb kien inghalaq lejliet l-access. It-Tribunal jiddeplora bil-qawwa x-xhieda inveritjera li ta Joseph Cini f'dan ir-rigward u jikkummenta li din il-kwalita' ta' xhieda twassal lil dan it-Tribunal, li jhobb jevalwa tajjeb id-deposizzjonijiet li jsiru quddiemu, biex ftit jaghti kredibilita' lil dak li ghogbu jghid Joseph Cini quddiemu.

Is-socjeta' attrici xorta wahda hija tenuta thallas sehemha mill-partijiet komuni ghax meta l-konvenut dahal ghall-kuntratt, dan il-flat kellu l-access ghall-partijiet komuni, u l-ebda mblukkar sussegwenti tal-bieb ma jista' jesonera lis-socjeta' attrici mill-obbligi taghha versu l-utenti l-ohra tal-partijiet komuni. Talbilhaqq, il-konvenut qal li jekk is-socjeta' attrici taghzel li ma tuzax il-partijiet komuni, allura huwa lest jirrinunzja ghall-kontro-talba tieghu. B'danakollu mhux bizzejjed li jigi mblukkat il-bieb – li jista' f'kull mument jerga' jinfetah – imma jrid isir tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt fuq imsemmi.

Is-socjeta' attrici imkien ma writet kif waslet ghall-ammont minnha pretiz, u kien biss wara l-gheluq tal-provi, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (fol 158), li ipprovdiet breakdown tal-ammont minnha pretiz kif gej:

| | |
|---|---|
| 1 Drenagg u xoghol relatat | 48.00 |
| 2 Driveway tal-garaxx | 195.00 |
| 3 Bajjad (kaxxa tat-tarag) | 75.00 |
| 4 Intercom u partijiet komuni | 93.00 |
| Total | 411.00 |

Is-socjeta' attrici b'danakollu xorta ma qalitx kif waslet ghal dawn il-figuri. Rigward items 1 u 2, li jirrigwardaw il-garaxx, ghalkemm ipprezentat kont globali ta' LM2,728.76 ghall-garaxxijiet kollha, imkien ma tghid kemm-il garaxx hemm u jekk dawn humiex ilkoll tal-istess qies. Il-pjanti tal-MEPA ma jghidu xejn lit-Tribunal ghax il-garaxxijiet ma inbnewx skond il-permess. Rigward item 3, dan jirrizulta jekk wiehed jaqsam LM300 (fol 29) imhallsa mis-socjeta' attrici lil Sammy Spiteri bejn erbgha (allavolja s-socjeta' attrici qed tikkontendi li l-kont ghandu jinqasam bejn tlieta ghax il-flat taghha m'ghandux access ghall-partijiet komuni). Rigward item 4, dan assolutament ma jistax jirrizulta la jekk il-kont tal-electrician (ta' LM341.55 a fol 30) jinqasam bejn tlieta u l-anqas jekk jinqasam bejn

erbgha. Ghalhekk it-talba tas-socjeta’ attrici ma gietx debitament ippruvata.

Il-konvenuti, ghalkemm taw dettalji dwar ix-xoghol maghmul minnhom fil-kaxxa tat-tarag, imkien ma wrew x’kien it-total minfuq, u wisq inqas kif waslu ghas-somma ta’ LM200.50. Ghalhekk lanqas il-kontro-talba taghhom ma tista’ tista tigi akkolta.

It-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li ghalkemm f’din il-kawza tressqu hafna provi, il-provi l-iktar essenzjali, specjalment ghal dawk li huma konteggi, baqghu ma tressqux.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad kemm l-ewwel talba tas-socjeta’ attrici kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenuti billi l-ebda wahda minn dawn ma giet ippruvata. Fic-cirkustanzi, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.”

L-attur nomine appella minn din is-sentenza b’dawn l-aggravji:-

(1) Id-decizjoni tat-Tribunal hi wahda extra petita u dan ghal motiv illi l-konvenuti fl-ebda mument ma eccepew li ma jaqblux mal-konteggi;

(2) Id-decizjoni tat-Tribunal ma tikkontjenix valutazzjoni xierqa tal-provi diversi mressqa minnu in sostenn tal-ammont domandat.

Ghall-aggravji sottomessi mill-appellant jirrispondu dawn it-twegibiet tal-konvenuti appellanti:-

(i) Mhux minnu li t-Tribunal mar ultra l-poteri tieghu in kwantu huma kkontestaw l-ammont pretiz permezz ta’ eccezzjoni formali u anke fil-kors tal-procediment.

(ii) Il-provi ma jwasslux ghall-kjarezza tal-kont tant li l-kalkolu maghmul mill-attur nomine fl-avviz ma jaqbilx imbaghad mal-invoices prezentati minnu;

(iii) L-appell, in kwantu jikkoncerna l-kontestazzjoni tal-apprezzament tal-provi, sar kompletament ‘l barra mill-parametri tal-artikolu 8(2) tal-Att V ta’ l-1995.

B’riflessjoni dwar l-ewwel aggravju jibda biex jigi notat illi hi regola procedurali konfermata mill-gurisprudenza illi meta l-Qorti tiddeciedi fuq kawzali diversa minn dik migjuba fic-citazzjoni hemm id-difett li ddecidiet “extra petita” (**Kollez Vol XXXIII pI p748**). Dan ighodd ugwalment fil-kaz ta’ eccezzjoni mhux sollevata mill-parti.

L-istess gurisprudenza ssenjalat il-principju maghruf illi “l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f’kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b’mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta’ ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva ‘ex officio’” – “**Regina Cacciattolo –vs- Francis Cacciattolo**”, Appell Civili, 30 ta’ Gunju 1976.

Fil-kaz prezenti c-cirkostanzi ma jwasslux biex din il-Qorti tirriafferma u tapplika l-enuncjazzjoni suddetta anke fir-rigward tas-sentenza appellata. Kemm fl-eccezzjonijiet ghat-talba principali tal-attur nomine kif ukoll fl-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenuti, l-kontendenti ssollevaw b’difiza illi l-kontijiet rispettivi kienu esagerati u allura kien kompitu tat-Tribunal illi jinvestiga dawn il-kontijiet u jigbed il-konkluzjonijiet proprji tieghu. Ta’ min ifakkar ukoll f’dan l-istess kuntest dak drabi ohra mtenni, u cjoe, illi “bhala regola generali hu certament deziderabbli illi, meta dan jista’ jsir kompatibilment mar-regoli procedurali u mad-disposizzjonijiet tal-ligi, l-incidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f’kawza jigu diskussi u decizi fl-istess gudizzju, ghall-ekonomija ta’ zmien u spejjez, u a skans ta’ possibbli konflitt ta’ gudikati” (**Kollez Vol XLII pI p743**; **Vol XLIII p I p227**).

Ex-facie l-inkartament tal-kaz, il-provi manifestament juru illi l-partijiet ddiskutew, anke ampjament, kwestjonijiet ko-

involgenti l-konteggi rispettivi. Li jfisser li hadd minnhom ma akkwiexxa ruhu ghal konteggi rispettivi. Ghaldaqstant ma jistghax jinghad fil-kaz konkret illi ma kienx hemm bizzejjed difizi u dibattitu dwar il-konteggi. Jekk imbaghad l-apprezzament dwarhom mit-Tribunal sarx korrettement jew le dik hi materja ohra li tinteressa lit-tieni aggravju. Dak li huwa cert hu li l-ewwel aggravju hu nieqes minn kull fondament in kwantu din il-Qorti ma ssib xejn fis-sentenza appellata illi t-Tribunal iddecieda ‘extra petita’ jew ‘ultra vires’.

Fil-kaz tat-tieni aggravju gie kostantement ritenut minn din il-Qorti ta’ revizjoni illi “l-apprezzament ta’ fatt mill-Qorti ta’ l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi disturbat minn Qorti ta’ kompetenza Superjuri u li dan ghandu jsir biss f’dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta’ revizjoni illi l-apprezzament ta’ l-ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja” – “**Carmelo Agius -vs- John Agius**”, Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri, 2 ta’ Dicembru 1994.

Din il-Qorti regghet ezaminat b’attenzjoni l-provi kollha attendibbli biex tara tistax tasal biex tidentifika bi precizjoni mir-rizultanzi istruttorji dak issa lamentat mill-appellanti, jigifieri li kien hemm provi bastanti u sodisfacenti li jsostni inkonfutibilment, u fid-dettalji cari u precizi, l-kontegg tal-appellanti. Bir-rispett kollu, minn dan l-ezami maghmul mill-Qorti ma jirrizultalhiex dawk ir-ragunijiet gravi li kellhom jikkonducuha ghall-konvinciment illi t-Tribunal ma setghax ma kienx zbaljat fl-evalwazzjoni tieghu.

Wiehed dejjem ma ghandux jinsa illi jinkombi fuq il-parti li tallega li tressaq provi bizzejjed li jikonvincu moralment lill-gudikant dwar l-allegazzjonijiet minnha maghmula. Id-dixxiplina tal-piz tal-provi hi kriterju biex jigi regolat il-gudizzju fuq il-fatt allegat, u allura l-effetti tan-nuqqas tal-prova. Huwa pacifiku fid-dritt razzjonali probatorju illi “l-fatt ghandu jkun sufficcjentement provat meta l-gudikant ikun akkwista bil-provi forniti fil-gudizzju c-certezza morali tal-verita` tal-fatti” (**Kollez Vol XXXVII pI p525**). Jekk il-piz tal-provi ma jigix dizimpenjat sew tqum fil-gudikant il-

konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux provat – "non esse et non probari paria sunt". Massima din li tesprimi l-kuncett tal-oneru tal-provi bhala regola ta' gudizzju.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tibqa' rinfaccjata, kif hekk kien it-Tribunal, b'qaghda fejn iz-zewg kontendenti, u mhux biss l-appellanti, naqsu li jipproducu provi konvincenti u konkluzivi biex isostnu l-premessi tat-talbiet rispettivi taghhom. Konsegwentement, il-Qorti ma ssibx li hemm ragunijiet serji biex ticcensura l-ezercizzju li ghamel it-Tribunal tal-poter diskrezzjonali lilu affidat. Rigwardat purament minn din l-ottika l-aggravju interpost ma jistghax ma jitqiesx insostenibbli.

Hemm imbaghad konsiderazzjoni ohra li trid issir sollevata bi pregudizzjali mill-konvenuti appellati. Din tikkoncerna l-appellabilita`, o meno, tas-sentenza fuq apprezzament ta' fatt. L-ammont involut ma jeccediex il-hames mitt lira (Lm500) u ghalhekk il-kwestjoni ma tirrientrax, ghall-fini tal-appellabilita`, fil-parametri tas-subinciz (3) tal-artikolu 8 tal-Kap 380. Il-materja trid ghalhekk tigi indagata fil-qafas tas-subinciz (2) tal-istess artikolu 8. Innegabilment, il-ligi kienet, a norma ta' dan l-ahhar citat subinciz, teskludi appell fuq apprezzament ta' fatt in kwantu kienet telenka tassattivament dawk ic-cirkostanzi fejn kien permissibbli appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-ewwel tliet cirkostanzi dettati mil-ligi fl-imsemmi subinciz (2) ma jiccentrawx f'dan il-kaz. Mill-perspettiva tal-ipotesi (d) hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-fatt li fil-konsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal iddetermina li ma gewx prodotti l-provi essenzjali fir-rigward tal-konteggi ma jfisserx li dak it-Tribunal agixxa b'mod gravi kontra d-dettami tal-ekwita`, kif hekk jikkontendi l-appellanti. Ragonevolment ifisser li l-partijiet, kompriz allura l-appellanti, ma pprovawx b'mod adegwat u sodisfacenti l-assunt taghhom. It-Tribunal ma ghamel ebda ezercizzju ta' ekwita`. Jekk xejn, huwa sab li t-talbiet reciproki taz-zewg kontendenti ma kienux sew sostenuti. Minn dan huwa lecitu li jinghad illi fis-sentenza appellata ma saret ebda vjolazzjoni tad-dritt ekwitattiv, u

ghalhekk, anke taht din l-ottika, l-aggravju ma jistghax jircievi favur.

Ghal dawn il-motivi l-appell tal-attur nomine qed jigi respint u s-sentenza appellata tat-Tribunal konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-appellanti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------